Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 196/2018

Il-Pulizija
Spettur Priscilla Caruana

Vs

Daniela Spiteri

Illum 2 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Daniela Spiteri detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 22282M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe,

1. Talli fix-xahar ta' Awwissu 2014 ikkommettiet serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Urban Jungle, Triq Santu Wistin, San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Giuseppe Attard u/jew ta' persuna jew persuni ohra.

2. U aktar talli fix-xahar ta' Ottubru 2014 kif ukoll fi Frar 2015 ikkommettiet serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Marks & Spencers, Triq id-Dejqa, Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Jessica Bonnett u/jew persuni ohra.

3. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputata li hija recidiva ai termini ta' 49, 50 u 289 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

4. U finalment talli kisret il-kundizzjonijiet impost fuqha skont il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta datata nhar l-14 ta' Novembru 2011.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha tlettax (13)-il xahar prigunerija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Daniela Spiteri,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' April 2018, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha;

2. Fl-eventwalità li l-ewwel talba ma tigix milqugha, li tisma' lill-medici kuranti tal-esponenti u lill-Probation Officer inkarigat minnha u kull xhud iehor li dina l-Onorabbli tqis bhala necessarju, u sussegwentament tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif stipulat fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537; u

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalità li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena imposta, b'piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Daniela Spiteri huma s-segwenti u cioe`:-

**A. <u>Dwar l-inammisabilita' ta' kwalunkwe stqarrija rilaxxata mill-appellanti</u>**

Hekk kif jixhdu l-atti processwali, fil-mori tal-investigazzjoni tal-kaz odjern, l-esponenti rrilaxxat stqarrija nhar l-10 ta' Frar, 2015.[1] *In oltre* fil-mori tal-proceduri odjerni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti saru diversi referenzi ghall-alleggata stqarrija u ammissjoni illi l-esponenti ghamlet mas-Surgent Ramon Mifsud Grech.

Ghall-Prosekuzzjoni, l-imsemmija stqarriji li ttiehdu mill-ispettur Priscilla Caruana kif ukoll l-ammissjoni li allegatament saret fil-presenza tas-Surgent Grech jikkostitwixxu provi krucjali u ammissabbli tant hu hekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha ta' nhar is-17 ta' April, 2018 taghmel diversi referenzi ghall-imsemmija stqarrija.

Bir-rispett kollu pero' l-esponenti ma tista' taqbel qatt ma' dan.

L-appellanti hija tal-fehema li tali stqarrija u kwalunkwe dikjarazzjoni illi allegatament l-esponenti ghamlet mas-Surgent Grech huma 'provi' inammissibbli u dana stante li jilledu d-drittijiet taghha hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-

[1] Vide fol. 61 et. seq tal-atti processwali

Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana fid-dawl tal-fatt li fiz-zmien meta ttiehdu tali stqarriji, l-esponenti ma kellha l-ebda oportunita legali li titlob li jkollha, u kwindi lanqas qatt ma setgha kellha, konsulent legali tal-ghazla taghha **prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarrijiet**.

Id-dritt ghal smigh xieraq skond fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal- Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza Ewropeja mhux biss ghad- dritt li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-Qorti izda ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u interrogata.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal- Bniedem, f'kull decizjoni li titratta assistenza legali, issostni li l-artikolu 6(3)(c) tal- Konvenzjoni ma jkunx gie osservat kull meta persuna arrestata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel u **matul l-interrogazzjoni taghha**, fejn permezz ta' dina l-istess interrogazzjoni, l –akkuzat jkun jista' jinkrimina lilu nnifisu.

B'hekk jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob u jesigi li s-suspettat mhux biss ghandu dritt li jikkonsulta ma' avukat biss qabel ma tittiehed l-istqarrija tieghu, izda **UKOLL WAQT** l-istess tehid tal-istqarrija.

Illi permezz ta' dan l-aggravvju, fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata minnha nhar l-10 ta' Frar, 2015, l-esponenti mhiex qed tikkontendi li ma tkelmitx ma' avukat qabel ma rrilaxxa l-imsemmija stqarrija[2], pero' l-esponenti qieghda tilmenta li waqt li rrilaxxat l-istqarrija taghha, ma kellhiex u ma setghax ikollha avukat prezenti **maghha** matul it-tehid tal-istess stqarrija.

Illi dan il-hsieb jemergi a bazi ta' gurisprudenza kopjuza mahluqa mill-ECHR, fosthom u mhux biss il-kaz ta' Dayanan vs Turkey (13/102009) u l-kaz ta' A.T. vs Luxembourg (no. 30460/13, 09/04/2015).

Il-fatt li l-esponenti la kellha s-setgha li titlob li l-konsulent legali taghha jkun fizikament prezenti u wisq anqas li kieku talbet, xortawahda ma kienitx sejra

[2] Fil-fatt jirrizulta illi qabel ma rrilaxxat l-imsemmija stqarrija l-esponenti tkelmet ma' Dr joseph Brincat.

tinghata tali opportunita, tivvijola d-drittijiet tal-esponenti hekk kif sanciti mill-Konvenzjoni Ewropea.

In oltre fir-rigward ta' kwalunkwe referenza li saret ghall-ammissjoni illi l-esponenti allegatament ghamlet fir-rigward tas-serq mill-hanut 'Urban Jungle' ta' San Giljan, l-imsemmija referenzi ma jistghu qatt jitqiesu bhala provi ammissabbli stante li minn imkien ma jemergi illi s-Surgent Ramon Mifsud Grech wissgha lill-esponenti li kwalunkwe dikjarazzjoni setghet tingieb bhala prova kontra taghha u minn imkien ma jemergi illi qabel ma kellem lill-esponenti, l-ispettur Grech taha id-dritt li tikkonsulta ma' avukat tal-ghazla taghha.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz <u>Il-Pulizija vs Louis Lia[3]</u> rriteniet,

> **"..l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha."**

Tajjeb jinghad illi fid-9 ta` Mejju 2017 il-Qorti Kriminali tat decizjoni fil-kaz **<u>'Ir-Repubblika ta` Malta vs Martino Aiello'</u>**. Fit-trattazzjoni tal-kawza sar l-argument illi l-akkuzat ma kellux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija fid-19 ta` Ottubru 2014. It-tezi ta` Aiello kienet li meta sar ir-rilaxx ta` l-istqarrija, huwa ma kellux id-dritt ta` prezenza tal-avukat bil-konsegwenza li l-istqarrija ghandha tkun inammissibbli. L-Avukat Generali ghamel l-argument illi Aiello kien inghata d-dritt li jikkonsulta avukat ta` fiducja tieghu izda rrifjuta dan id-dritt, ma kkonsulta ma`

[3] Il-Pulizija vs Louis Lia, 22/09/2016, Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Dr. Edwina Grima

hadd, u liberament u volontarjament irrilaxxja l-istqarrija de qua. Il-Qorti Kriminali qalet hekk :-

> "Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss titkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu ljedd li jikkonsulta ma` avukat qabel tigi rilaxxata stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f`kull stadju ta` l-investigazzjoni l- persuna suspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta` l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI tal-2016. Illi fil-fehma ta` din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f` dan il-kaz ukoll. **Dan ifisser li anki jekk ir-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta` avukat fl-istess kamra ta` l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "…jippartecipa b`mod effettiv fl-interrogazzjoni…"**
>
> Kif wiehed jista` japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa` leccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara li l-istqarrija tad-19 ta` Ottubru 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati."

Qieghda ssir referenza wkoll ghal decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spt. M. Bondin] vs Aldo Pistella'** deciza nhar is-27 ta' Gunju, 2017 mill-Onor. Imhallef J. Zammit McKeon fejn il-Qorti ddecidiet illi:

> **"Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.**
>
> **Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika lgurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa**

**stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.**

**Dan qed jinghad meta tqis wkoll illi fl-Art 3 tad-Direttiva tal-UE Nru. 2013/48/EU li b`effett tal-Avviz Legali 102 tal-2017 saret parti mil-ligi taghna, jinghad hekk dwar id-dritt ta` access ghal avukat fi proceduri kriminali :-...**

**3. The right of access to a lawyer shall entail the following:**

**(b) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right for their lawyer to be present and participate effectively when questioned. Such participation shall be in accordance with procedures under national law, provided that such procedures do not prejudice the effective exercise and essence of the right concerned. Where a lawyer participates during questioning, the fact that such participation has taken place shall be noted using the recording procedure in accordance with the law of the Member State concerned;...**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda twiegeb gharreferenza li saret lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" billi tiddikjara illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lillPulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja."**

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost, bir-rispett qieghed jigi sottomess illi a bazi tal-fatt illi fir-rigward tal-istqarrija minnha rilaxxata nhar l-10 ta' Frar, 2015 l-esponenti ma

kellha l-ebda opportunita li jkollha konsulent legali maghha kif ukoll fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet allegatament ddikjarati mill-esponenti meta interrogata mis-Surgent Ramon Mifsud Grech, tali stqarrijiet ttiehdu bi ksur tal- Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u konsegwentament sabiex l-interessi tal-esponenti jibqghu intatti, kien/huwa mehtieg li l-imsemmija stqarrijiet ma jigux ikkunsidrati bhala provi ammissabbli u ma jkollhom l-ebda piz probatorju.

**B. Dwar l-apprezzament tal-Provi in konnessjoni mar-reat ta' serq**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravvju precedenti.

Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti hija tal-fehemha li dik il-Qorti ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u dana stante li ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.

**B.1 Generali**

Stante li l-legislatur jonqos milli jiddefinixxi r-reat ta' serq; jehtieg illi ssir referenza ghad-duttrina tal–Qrati taghna skond id-definizzjoni ta' dan ir-reat moghtija minn diversi guristi legali. F'diversi decizjonijiet, fosthom il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Michael Daniel Xuereb'**[4], il-Qorti taghmel referenza ghal Carrara fejn huwa "jghallem illi s-serq huwa **"la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro"**

Ghaldaqstant a bazi ta' din id-definizzjoni, jehtieg jinghad illi sabiex l-esponenti setghat b' xi mod jew iehor tinsab hatja ta' serq, il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir legali illi tipprova s-sitt elementi li jemergu minn tali definzzjoni, ossia:

- It-tehid tal-oggett
- Bil-hsieb li jinsteraq
- Ta' oggett partikolari – fil-kaz odjern il-hwejjeg
- Tali oggett jappartjeni lil haddiehor

[4] Deciza nhar id-19 ta' Frar, 2014 per Onor. Imhallef M. Mallia

- Minghajr il-kunsens tas-sid
- Bl-intenzjoni li jsir qliegh mill-oggett misruq.

L-esponenti jsostni illi l-elementi kollha tas-serq kif imfissra millawtur Carrara u adoperati mill-Qrati taghna ma gewx kollha sodisfatti anzi altru minn hekk.

**B.1.1 La Contrattazione Dolosa**

Skond il-gurisprudenza nostrana li llum il-gurnata hija wahda palesi, ir-reat tas-serq ikun komplut hekk kif ikun hemm it-tehid tal-oggett. Fil-fatt, anke jekk l-elementi l-ohra kollha jezistu, pero ma jkunx hemm dan it-tehid tal-oggett, l-imputat jista' jinstab hati ta' attentat ta' serq pero mhux tar-reat komplut.

Ghalkemm tul iz-zminijiet, hafna guristi ppruvaw jiddefinixxu dan lelement ta' 'contrattazione' madanakollu l-Qrati taghna ghazlu li jhaddnu d-definizzjoni ta' *Carrara*. **Skond *Carrara*, ir-reat tas-serq ikun komplut hekk kif l-imputat imiss l-oggett, li ma jappartjeniex lilu, bl-intenzjoni li jisirqu**. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **'Il-Pulizija vs Jonathan Grech'**[5] ssostni illi,

> **"jkun hemm dan l-element malli l-oggett ikun ittiehed mill-post fejn ikun thalla minn sidu w konsegwentement mhux mehtieg li loggett ikun tnehha mill-kamra jew mid-dar tas-sid."**

**B.2 Dwar l-elmenti supra indikati in konnessjoni mal-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-esponenti giet akkuzata li ikkommettiet serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Urban Jungle, Triq Santu Wistin, San Giljan. F'dan il-kuntest qieghda ssir referenza ghad-deposizzjoni ta' Joe Attard ta' nhar id-29 ta' Mejju, 2015.

Joseph Attard, in rapprezentanza tal-kumpanija sid tal-istabbiliment Urban Jungle ta' San Giljan xehed illi l-impjegati tieghu ndunaw li kienu qed isibu l-hwejjeg nieqsa. Wara nnutaw lill-esponenti tidhol ghal darba ohra gewwa l-istess stabbiliment u hekk kif harget, imxew warajha u rawha tidhol f'vettura b'numru ta'

[5] Deciza nhar il-31 ta' Lulju, 2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

registrazzjoni ABR 163. L-istess xhud a fol. 34 tal-atti processwali pprezenta still mic-CCTV tal-istess stabbiliment fejn allegatament tidher l-esponenti hierga[6]. Madanakollu meta x-xhud nhar id-29 ta' Mejju, 2015 gie mistoqsi jekk jaghrafx lill-appellanti bhala l-malvivent u cioe bhala l-istess wahda li tidher fuq l-istill minnu pprezentat huwa wiegeb *"Nahseb imma m'hiniex cert jigifieri."*

*Di piu'* ghandu jigi rilevat illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, il-persuna li tidher fuq l-istill ipprezentat minn Joe Attard hija l-esponenti, fl-imsemmi still l-esponenti ma tidher taghmel xejn hazin ghajr tohrog mill-istabbiliment bhal klijenti ohrajn.

Fil-fatt fil-mori ta' dawn il-proceduri ma ngabet l-ebda prova illi tipprova illi l-esponenti kienet qieghda tmiss xi hwejjeg minn fuq ir-*racks* tal-istess hanut u li ghad-dirittura tipprova li kienet qieghda zzarma l-*alarms* min fuq l-imsemmija hwejjeg u tisraqhom, kif effettivament kellu jigi ppruvat.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-esponenti giet akkuzata li fix-xahar ta' Ottubru, 2014 kif ukoll fi Frar 2015 ikkommettiet serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Marks and Spencers, Triq id-Dejqa, Valletta. In konnessjoni ma' din l-imputazzjoni xehdu kemm Jessica Bonett[7] bhala Store Manager tal-hanut Marks and Spencer tal-Belt kif ukoll Malicent Spiteri Gates[8] bhala sales assistant fl-istess stabbiliment. Ghalkemm Malicent Spiteri Gates matul id-deposizzjoni taghha ta' nhar il-11 ta' Novembru, 2016 tixhed illi hija f'Ottubru tal-2014 hija rat lill-esponenti taqla' l-alarms minn fuq il-hwejjeg u titfahom fil-basket; madanakollu hija tikkonferma ukoll illi din kienet l-ewwel darba illi rat lill-esponenti taghmel hekk u ghalkemm taf li gew misruqa xi hwejjeg tal-irgiel, hija tikkonferma illi ma tafx liema huma tali hwejjeg u x'kien il-valur tal-istess hwejjeg.

*In oltre* fl-istills prezentati mill-Prosekuzzjoni b'relazzjoni ma tali imputazzjoni, ghalkemm tidher l-esponenti hdejn l-ixkafef al-hwejjeg madanakollu fl-ebda

---

[6] Vide fol. 34 tal-Atti Processwali

[7] Vide fol. 14 et. seq tal-atti processwali

[8] Vide fol. 92 et. seq. tal-atti processwali

mument ma tidher qieghda taqla' xi *alarms* minn fuq l-imsemmija hwejjeg u ddahhal l-istess hwejjeg gewwa l-basket taghha.

Ghandu jigi mfakkar illi hija prassi normali li klijenti gewwa haunt tal-hwejjeg jiehdu hwejjeg min fuq xkafef u jcaqalqu tali hwejjeg minn post ghal iehor u minn dressing room ghal ohra, u hekk tidher taghmel l-esponenti fl-istills ipprezentati fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fid-dawl tat-taghlim supra citat, l-esponenti ssostni illi hija ma setghet qatt tinstab hatja ta' serq galadarba ma ngiebet l-ebda prova li effettivament fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet:

1. L-appellanti kienet qieghda taqla' l-alarms minn fuq il-hwejjeg;
2. Li l-esponenti kienet qed tmexxi l-hwejjeg min fuq xkaffa ghal ohra bl-intenzjoni li tisraqhom; u konsegwentament
3. Baqghu qatt ma gew sodisfatti l-elementi kollha li jsawwru r-reat ta' serq hekk kif supra elenkati.

*Di piu'* ghandu jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ssib l-oggetti misruqa u tallaccjahom mal-appellanti, kif effettivament kellha d-dmir u l-obbligu legali li taghmel galadarba l-Prosekuzzjoni hija obbligata li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Fid-dawl ta' dak su-espost, l-esponenti temmen illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi u konsegwentament fl-umli fehma taghha ma setghetx tinstab hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif indikati.

**C. <u>Dwar l-oggetti misruqa u l-valur taghhom</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gew prezentati zewg listi allegatament kontenenti kodici ta' hwejjeg li allegatament gew misruqa

mill-istabbiliment Urban Jungle[9] ta' San Giljan u mill-istabbiliment Marks and Spencer[10] tal-belt Valletta rispettivament.

Illi ghalkemm gew prezentati dawn il-listi, madanakollu tali lista jinkludi biss kodici u valur u ma jaghtu l-ebda deskrizzjoni tal-hwejjeg u/jew oggetti misruqa.

Fin-nuqqas ta' gharfien ta' x'jinkludu n-numri u l-kodici inkorporati f'tali listi kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi r-rabta bejn l-affarijiet misruqa u l-esponenti baqghet qatt ma giet stabbilita, indubbjament ma jistax jinghad illi dawk l-oggetti kollha rapprezentati min-numri indikati fl-imsemmija listi, huma kollha hwejjeg li gew misruqa mill-appellanti!!

Ghandu jigi mfakkar illi f'awla penali, ma hemm l-ebda lok ghal assunzjonijiet, suppozijonijiet u/jew allegazzjonijiet infondati!

*In oltre* ghalkemm in konnessjoni mas-serq li sar mill-istabbiliment Marks and Spencer gie stabbilit illi l-*cost value* tal-oggetti misruqa jammonta ghall-ammont kumplessiv ta' €728.97, in konnessjoni mas-serq li sar mill-hanut Urban Jungle ghalkemm gie mistqarr illi r-*retail value* tal-hwejjeg misruqa kien ta' €806, baqa' qatt ma gie stabbilit x'kien il-*cost value* tal-imsemmija hwejjeg u/jew il-percentagg ta' profit fuq l-imsemmija hwejjeg.

Illi bir-rispett kollu jigi sottomess illi sabiex wiehed jinstab hati ta' serq li huwa kkwalifikat bil-valur, dan l-istess valur ghandu jigi pruvat b' mod sodisfacenti u mhux ibbazat biss fuq stimi fiergha u assunzjonijiet.

Fid-dawl tas-segwenti nuqqasijiet u cioe'

1. Ta' prova ta' x'jirraprezentaw in-numri inkorporati fil-listi pprezentati mir-rapprezentatni tal-istabbilimenti rispettivi;
2. Ta' prova li tikkonferma o meno illi tali oggetti li nstabu neqsin gew kollha misruqa mill-esponenti;

[9] Vide fol. 34 tal-Atti Processwali
[10] Vide fol. 22 u 23 tal-Atti Processwali

3. Ta' prova illi tikkonferma x'kien il-*cost value* tal-hwejjeg misruqa mill-istabbiliment Urban Jungle,

l-esponenti temmen illi ma setghet qatt tinstab hatja ta' serq aggravat bil-valur u anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghal-grazzja tal-argument biss kellha tinstab hatja ta' serq, fin-nuqqas ta' prova konkreta tal-valur tal-hwejjeg misruqa mill-esponenti kif ukoll fid-dawl tal-massima legali *'in dubio pro reo',* l-aggravju tal-valur jibqa' ma jirrizultax.

**D. <u>Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u ghandu jigi kkunsidrat fl-eventwalita' li xi aggravvju/I precedent jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Jibda biex jinghad illi l-esponenti ilha ghal dawn l-ahhar ghaxar snin tbati mill-vizzju tad-droga, tant hu hekk illi prezentament qieghda tinghata l-kura mehtiega sabiex tkun tista tibda' il-programm ta' rijabilitazzjoni li tant ghanda bzonn sabiex tkun tista tehles minn tali vizzju.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta jikkonkorru fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo* u konsegwentament l-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-fakolta' li tikkonverti u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Drogi.

Jigi mfakkar illi anke dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-fakolta li tikkonverti ruhha u tassumi funzjoni ta' qorti dwar id-droga galadarba tkun konvinta li l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi jissussistu. Fid-dawl ta' dak hawn mistqarr, qieghda ssir referenza ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Assistant Kummissarju) Norbert Ciappara v Mario Zammit'</u>** deciza nhar it-18 ta' Lulju, 2017 fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> **"19. B'hekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, mhux necessarjament fl-ewwel stadju tal-proceduri kriminali, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r-rekwiziti stipulati fl-istess artikolu, ghandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-**

**Droga bil-ghan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-procedura l-akkuzat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku gie gudikat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bhal fil-kaz prezenti jsir appell.**

**Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali billi tiddikjara li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil-konfront ta' Mario Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att numru 1 tas-sena 2005 f'dan l-istadju ta' appell jkun leziv tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni."**

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruhha hekk kif mitlub, jehtieg illi jigu sodisfatti diversi elementi rikjesti mil-Ligi a bazi tal-artikolu 8 tal-Kap 537. Illi jehtieg jigi ppruvat illi:

1. L-esponenti tinsab mixlija bi twettiq ta' reat li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija u li tali reat ma jikkostitwix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-esponenti kienet fil-pussess ta' arma regulari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv
2. Li tali reati li bihom tinsab mixlija l-esponenti huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-appellanti;
3. Li jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-esponenti x'aktar tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles minn tali dipendenza.

Illi jibda biex jinghad illi rigward l-ewwel element *supra* indikat, l-esponenti ma thossx il-bzonn li ghandha tiddelunga wisq stante li huwa car daqs il-kristall illi fil-proceduri odjerni l-esponenti tinsab mixlija b'reati li ma jikklasifikawx taht reati volontarji kontra l-persuna u/jew li gew ikkonsmati waqt li l-aggressur kien fil-pussess ta' arma, splussiv jew narkif ukoll li l-piena ghal tali imputazzjonijiet ma taqbizx seba' (7) snin prigunerija. Ghaldaqstant, minghajr ebda tlaqliq, l-esponenti tistqarr li dan l-element huwa sodisfatt.

Illi sabiex jigi stabbilit li tali reati migjuba kontra l-esponenti huma attribwibbli ghad-dipendenza gravi u medika fuq id-droga jehtieg issir referenza ghat-trattazzjoni orali kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-Difiza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Kif tistqarr il-Prosekuzzjoni stess waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellanti ila tbati mill-vizzju tad-droga ghal dawn l-ahhar snin, inkluz fis-snin mertu tal-proceduri odjerni. Ghandi jigi mfakkar ukoll illi din i-sena ghall-ewwel darba l-esponenti *di sua sponte* iddecidiet li tibda tiehu l-kura ghal dan il-vizzju li hakmilha hajjitha ghal dawn l-ahhar snin u effettivament prezentament l-esponenti qieghda tistenna sabiex tibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Illi sabiex jigi stabbilit jekk l-artikolu 8 tal-Kap 537 japplikax ghal proceduri odjerni, jehtieg jigi stabbilit ukoll li d-dipendenza li kienet tbati minnha l-esponenti hijiex wahda gravi u medika u jekk jezistux ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-esponenti x'aktar tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga. Ghaldaqstant huwa mehtieg li dina l-Onorabbli Qorti, anke ai fini ta' ricerka tal-verita', tisma lill-psikjatra kuranti tal-esponenti kif ukoll lill-Probation Officer inkarigat mill-appellanti, liema persuni ghadhom isegwu lill-esponenti u l-progress li hija qieghda taghmel sal-gurnata tal-lum.

Fl-umli fehma tal-esponenti, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u fl-eventwalita li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija taht l-ewwel u/jew it-tieni imputazzjoni, ghandha tikkonsidra dan l-aggravju u wara li tisma' lill-medici kuranti tal-esponenti u lil-Probation Officer inkarigat minnha u kull xhud iehor li dina l-Onorabbli tqis bhala necessarju, ghandha tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif stipulat fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537.

**E. <u>Dwar il-Piena</u>**

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha

ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal-kaz odjern u b'hekk timmerita temperament.

Kenny fil-ktieb tieghu *'Outlines of Criminal Law'* jghallem li:

> **"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…**
>
> **As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"**

### E.1 L-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna

Qieghed jigi sottomess bir-rispett li fost dak li kellha tikkunsidra l-Ewwel Qorti kien jekk kienux jezistu cirkostanzi [li effettivament kollox jindika li kienu jezistu] li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva, iktar u iktar meta illum is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu ghaliex kif gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu.

Dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'[11] rriteniet illi:

> **"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok**

[11] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

**jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac- cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"**

Illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghall-fatt illi l-esponenti naqset milli tuzufruwixxi mill-opportunitajiet li nghatat fil-passat, madanakollu ghandu jigi rimarkat illi illum il-gurnata l-esponenti hija konxja li sforz il-vizzju li hakimha ghamlet zmien timxi mill-hazin ghall-aghar u li minn ftit xhur ilu 'l hawn irrassenjat ruhha li kien hemm bzonn tbiddel hajjitha ta' that fuq, tant hu hekk li tinsab lesta biex tibda' programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Fid-dawl tas-su espost, l-appellanti taghmel referenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et."[12]:

**"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."**

Tenut kont tas-suespost, kif ukoll fid-dawl ta' dak li tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi supa-riferiti, l-appellanti bir-ragun tistaqsi:

1. Ghalfejn fil-kaz taghha l-Ewwel Qorti emmnet illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, piena ta' prigunerija effettiva hija wahda adekwata u gusta meta l-veru skop tas-sistema gudizzjarja taghna huwa wiehed riformattiv?

[12] Deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

2. Il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ser tghinha biex tkompli tindirizza l-vizzju tad-droga jew inkella tali facilita' mhux ser isservi bhala "ambjent kontrollat" fejn hija tkun jista' tindirizza tali vizzju li kissirlu hajtu?

Ghaldaqstant l-esponenti temmen illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gudizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

**E.2 Dwar il-mottiv wara l-allegat serq**

Tali punt jirrelata bis-shih mal-aggravjju immarkat bhala D.

L-esponenti tifhem li min isofri minn problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi tali problema. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor madanakollu l-esponenti tistqarr li fiz-zmien mertu tal-kawza odjerna, l-esponenti kienet ghaddeja minn zmien fejn il-piz tal-vizzju taghha tant kien tqil li ma tkunx jista' tissaportih iktar u sussegwentament jgieghelha taghmel dak li ma tridx.

Fil-fatt l-esponenti tista' facilment tirrelata ma' dak li stqarr Eric Patterson, **"Lastly, addicted people frequently value obtaining their drugs above all else. Because obtaining drugs is the highest priority to an addict, financial troubles are inevitable, and many people eventually resort to stealing and other criminal activity to obtain resources to purchase drugs."**[13]

L-esponenti temmen li in kwantu tal-piena, hekk kif gara f'sentenzi u decizjonijiet precidenti[14], l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li kienet akkuzata bihom l-esponenti kif ukoll tal-fatt li l-appellanti kienet mahkuma mill-vizzju tad-droga u li r-reati saru biex tkun f'posizzjoni li tkompli tiffinanzja dan il-vizzju.

---

[13] http://drugabuse.com/library/drug-abuse-problems/

[14] Vide Il-Pulizija vs Stefano Montebello deciza nhar l-20 ta' Frar, 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Mag. D. m. Frendo Dimech

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti jikkonsistu f'allegati serq kommessi f'dati differenti kemm gewwa Urban Jungle f'San Giljan f'Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u serq minn gewwa l-hanut Marks & Spencers tal-Belt f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Il-Pulizija waslu ghall-imputata u ressquha akkuzata kemm b'dawn is-serqiet u anke bir-recediva u bi ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqha skond il-provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilha fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Illi l-ewwel aggravju u cioe' dak bl-ittra 'A.' jirrigwarda l-inammissibilita' ta' kwalunke stqarrija rilaxxata mill-appellanti. Tissottometti li fil-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti saru diversi referenzi ghall-allegata stqarrija u ammissjoni li l-appellanta ghamlet mas-Surgent Ramon Mifsud Grech. Li ghal prosekuzzjoni, l-imsemmija stqarriji li ttiehdu mill-Ispettur Priscilla Caruana kif ukoll l-ammissjoni li allegatment saret fil-prezenza tas-Surgent Grech jikkostitwixxu provi krucjali u ammissibli tant hu hekk li l-Qorti fis-sentenza ta' nhar is-17 ta' April 2018 taghmel diversi referenzi ghall-imsemmija stqarrija. L-appellanta hija tal-fehma li tali stqarrija u kwalunkwe dikjarazzjoni li allegatament l-appellanti ghamlet mas-Surgent Grech huma provi inamissibli u dan sante li jilledu d-drittijiet taghha hekk kif imharsa mill-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dan fid-dawl li l-appellanta ma kelliex opportunita legali li titlob li jkollha u kwindi lanqas qatt ma setgha kellha konsulent legali tal-ghazla taghha prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarrijiet. Ghalhekk il-kontestazzjoni tal-appellanta hija bbazata fuq il-fatt li hija ma thallietx ikollha Avukat prezenti matul l-istqarrija u cioe' matul l-interrogazzjoni. Tissottometti ukoll li kwalunkwe referenza li saret ghall-ammissjoni li l-appellanta allegatament ghamlet fir-rigward tas-serq mill-hanut 'Urban Jungle' ta' San Giljan, ma jistghu qatt jitqiesu bhala provi ammissibbli stante li minn imkien ma jemergi li s-Surgent Ramon Mifsud Grech wissgha lill-appellanta li kwalunkwe dikjarazzjoni setghet tingieb bhala prova kontra taghha u min imkien ma jemergi li qabel ma kellem lill-

appellanta, is-Surgent Grech taghha d-dritt li tikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla taghha. Hija talbet li l-istqarrijiet ma jigux ikkunsidrati bhala provi ammissibli u ma jkollhom l-ebda piz probatorju.

Jirrizulta li l-appellanta rrilaxxat stqarrija fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Din l-istqarrija tinsab a fol 61 et sequitur u mmarkata bhala PCL1 u hija ffirmata mill-appellanta ukoll. F'din l-istqarrija tnizzlet is-segwenti twissija:

*'M'Intix obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li ser tghid jista' jingieb bi prova. Qed tigi infurmat ukoll, u dan wara li inti kkonsultajt ma' l-avukat Dr Joseph Brincat LL.D fuq in-numru 21222187 illi waqt dan l-interrgatorju inti ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekek ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek, il-Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghall-prova orraborattiva, jekk matul il-process inti tressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul din l-interrogazzzjoni.* "

L-appellanta fil-bidu ta' din l-istqarrija giet mistoqsija '*Tikkonferma li qabel ma bdew ikellmuk il-pulizija int inghatajt id-dritt li tikkonsulta ma' l-avukat tieghek fejn int kellimt lil Dr. Joseph Brincat?*' u wiegbet '*Iva.*'

Fl-ahhar tal-istqarrija tnizzzel ukoll li '*Niddikjara li din l-istqarija ghamilta jien volontarjament u ma ġiet imġiegħla b'theddid jew biża', jew b'wegħediet jew bi twebbil ta' xi vantaġġi, u wara li ġiet moqrija lili nagħżel li niffirma.*'

L-Ispettur Priscilla Caruana Lee fis-seduta tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjegat li '*fl-ghaxra (10) ta' Frar hemm kellimtha gewwa l-ufficju tieghi l-Belt fejn wara li kkonsultat ma' Dr. Joseph Brincat bi-telefown...*' Hija gharfet il-firma taghha, tal-akkuzata u ta' WPC 173. PS 928 Ramon Mifsud Grech fis-seduta tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjega li '*Daniela Spiteri jiena nzertajt kont nafha ghax dina kienet tiffirma l-Ghassa ta' San Giljan fejn kont stazzjonat jiena u xi two (2) days wara li kelli l-investigazzjoni f'idejja 'l Daniela kont kellimtha jiena fejn dina mill-ewwel ammettiet maghna...*' Mix-xhieda tieghu ma jirrizultax jekk l-appellanta inghatatx xi forma ta' twissija qabel ma giet mitkellma minnu.

Ghalhekk jirrizulta li filwaqt li l-appellanta inghatat id-dritt li tikkonsulta Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, hija ma nghatatx id-dritt li jkollha Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija u matul l-investigazzjoni kull darba li giet mitkellma mill-Pulizija. Fiz-zmien tal-investigazzjoni u meta ttiehdet l-istqarrija, il-ligi ta' Malta ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettata jkollha Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija. Illi bis-sahha tat-trasposizzjoni tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*' fil-Ligi ta' Malta li sehhet wara li l-appellanta irrilaxxat l-istqarrija taghha, kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' access ghal Avukat fi proceduri Kriminali kien jinkludi. L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b**) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-liberta` tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformita` mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-liberta` tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

> *(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-liberta` jew l-integrita` fiżika ta' persuna;*
>
> *(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella'**[15] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet kien gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

[15] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f'dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f'hin minnhom xtaq li jghinna u f'hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-**<u>uzu ta` l-istqarrija</u>** mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*** '

L-istess Qorti[16] kkunsidrat li:

*'Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

[16] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.***'

Il-Qorti Kostituzzjonali[17] ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-appell prezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija kkunsidrat li:

'*Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l- istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta'* <u>*Malcolm Said*</u>[18]*, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal- prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*'

[17] Fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM)

[18] 24 ta' Ġunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

Illi ricentement kien hemm zvilupp sostanzjali fid-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Filfatt sentenza ta' certu importanza hija dik moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Bueze vs Belgium'**[19] fejn qieset li wiehed irid jistharreg kemm jekk jezistux 'compelling reasons' sabiex ikun hemm restrizzjoni ghal access ghal Avukat izda mhux biss stante li jehtieg li jigi evalwat ukoll fi kliem il-Grand Chamer '*The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*'. Filfatt qieset li:

'*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly*

[19] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:*

*(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.*

*(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody. He subsequently presented different versions of the facts and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.*

*(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.*

*(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.*

*(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.*

*(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.*

*194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various above-mentioned factors, and not each one taken separately, which rendered the proceedings unfair as a whole.*

*(iv) General conclusion*

*195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*'

Ghalhekk skont din is-sentenza, ir-restrizzjoni ghal access ta' Avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx awtomatikament li kien hemm lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq izda l-Qorti trid tqis ukoll l-'*overall fairness*' tal-proceduri sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni o meno. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal Joint concuring opinion tal-Imhalfin Yudkivska, Vučinić, Turković and

Hüseynov ghas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze v. Belgium'**[20] fejn fost affarijiet ohra ikkunsidraw li:

*'22. In sum, we believe that it is vital to make a distinction between the systematic defects and the particular defects which are found in individual cases as a result of targeted and context-specific restrictions (e.g. in terrorism cases) or as a result of mistakes and shortcomings in individual cases. It is not correct for the Court to consider the overall fairness of an individual applicant's case when a systematic ban exists, affecting every other individual in the applicant's position and in the absence of any assessment by the relevant national authorities.*

*23. The formulation of the exception is extremely clear: any derogation must be justified by compelling reasons pertaining to an urgent need to avert danger for the life or physical integrity of one or more people. In addition, any derogation must comply with the principle of proportionality, which implies that the competent authority must always choose the alternative that least restricts the right of access to a lawyer and must limit the duration of the restriction as much as possible. In accordance with the Court's case-law, no derogation may be based exclusively on the type or seriousness of the offence and any decision to derogate requires a case-by-case assessment by the competent authority. Finally, derogations may only be authorised by a reasoned decision of a judicial authority.*

*24. The Court must apply a strict approach to a blanket prohibition on the right to legal assistance; otherwise we will end up in conflict with the overall direction of both the case-law of the Court and EU law.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Farrugia vs. Malta'**[21] u reza finali fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li:

*'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and*

---

[20] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

[21] Deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Gunju, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13)

*Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when*

*assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any*

*compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat:

*'118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v.Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal*

*Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

*(iii) Conclusion*

*119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*

*120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*'

Interessanti hija l-*joint dissenting opinion* tal-Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidraw li:

'*10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre- trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every defendant, vulnerable or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on the defence strategy to be followed.*

*11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court], that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision"*[22].

---

[22] § 111 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata

*12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.*

*13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination"*[23].

*14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).*

*15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny*[24].

---

hmistax (15) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[23] § 112 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[24] § 108 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax

*Otherwise, what is the point of having two stages!?'*

Sussegwentement, Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello'[25] iddeciediet ir-referenza Kostituzzjonali billi iddikjarat li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fundamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) wara li fost kunsiderazzjonijiet ohra, kkunsidrat li:

*'Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li*

---

(17) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[25] Deciza fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF)

*Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta' Paskal vs Ukraine, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

> *"neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-*

*preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.'*

Ricentement il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello**'[26] cahdet l-appell u fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, qieset li:

*'24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' droġi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.*

*25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.*

*26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l- istqarrija tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Gunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni fl-istqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att tal-akkuża.*

*27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax- xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi*

[26] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2020 (Rikors numru: 38/18 AF)

*sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9).*

*28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.'*

Illum il-gurnata il-ligi tipprovdi ghad-dritt ghal suspettat jew akkuzat sabiex mhux biss jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija izda anke sabiex ikollu Avukat prezenti mill-bidu nett tal-investigazzjoni inkluz matul it-tehid tal-istqarrija. Jirrizulta li ricentement il-Qrati regghu bdew iqisu l-vulnerabbilita' o meno tal-persuna li tkun rilaxxat l-istqarrija u qeghdin iharsu lejn l-*overall fairness* tal-proceduri biex jiznu jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq u ghalhekk il-fatt li stqarrija tkun giet rilaxxata minghajr il-prezenza tal-Avukat mhijiex dejjem tigi kkunsidrata bhala lezjoni ghad-dritt ghal smiegh xieraq.

Din il-Qorti tqis li stante li fil-kaz odjern jirrizulta li l-appellanta ma kelliex id-dritt li jkollha Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija innifisha u lanqas ma jirrizulta jekk l-appellanta inghatatx twissija qabel ma giet mitkellma mis-Surgent PS 928 Ramon Mifsud Grech, din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata tilledi d-dritt ghal smiegh xieraq, sabiex ma jkunx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq stante li din il-Qorti hija tal-fehma li dak li jkun sehh matul l-investigazzjoni inkluz it-tehid tal-istqarrija minghajr Avukat prezenti jista' jkun ta' pregudizzju ghall-akkuzat, ma ghandhiex tikkunsidra l-istqarrija bhala prova ammissibli u ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' dan l-aggravju u sejra tiskarta din l-istqarrija rilaxxata mill-appellanta fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Jwalunkwe referenza li ssir ghal kontenut tal-istqarrija jew ghal

dak li l-appellanta setghet qalet matul l-investigazzjoni minghajr ma kellha Avukat prezenti hija ukoll inammissibli.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju mressaq mill-appellanta u cioe' dak bl-ittra 'B' jirrigwarda l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mar-reat ta' serq. Skont l-appellanta, il-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u dan stante li ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. Hija taghmel referenza ghad-definizzjoni tar-reat ta' serq moghtija mill-guristi legali. Taghmel referenza ghal provi migjuba rigwardanti is-serqiet li saru f'zewg hwienet diversi. Din il-Qorti sejra tqis il-provi mressqa dwar dan.

In kwantu l-ewwel imputazzjoni rigwardanti serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Urban Jungle, xehed Joe Attard fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn spjega li huwa general manager ta' Sterling Holdings li ghandhom l-Urban Jungle ta' Paceville. Mistoqsi dwar rapport li sar f'Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li '*kelli rapport mill-hanut taghna tal-Urban Jungle flimkien ma' ritratt bis-CCTV li indunaw li mara serqet xi affarijiet mill-hanut. Sa fejn naf jiena hargu warajha u anki raw in-numru tal-karozza. Jien mort fuq il-post, kellimt lill-impjegati taghna u mbaghad ghamilt, inzilt l-Ghassa ta' San Giljan u ghamilt rapport. Ir-rapport hemmhekk kien hemm is-Surgent Ramon Mifsud u ghamilt ir-rapport mieghu.*' Lindsay u Ritienne huma l-impjegati li ndunaw li serqet xi affarijiet mill-hanut. Qabbad lil manager tal-hanut jaghmel lista u waslu ghal lista ta' ghoxrin oggett. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok JA1. Dwar ritratt mehud minn CCTV qal li '*L-impjegati ndikaw li din is-Sinjura meta pruvaw ikellmuha ghamlet .... ma' rasha u harget tigri. U fittixna s-CCTV l-istess hin u gbidna dan ir-ritratt minn fuq is-CCTV*'. Mistoqsi jekk qed jarafha fl-awla, wiegeb '*Nahseb imma m' hiniex cert jigifieri*', jahseb li l-imputata. L-istill gie mmarkat bhala Dok JA2. Mistoqsi dwar l-ammont tal-hwejjeg jghid li '*Skont il-karta li tajt hemm selling price ta' xi €800 kif irrapurtat lili.*' Jghid '*€806*'. Spjega li '*is-Surgent Ramon Mifsud qalli li cempillu li sabuha, jafu min hi minn numru tal-karozza whatever u li kienet lesta thallas. Dan rega' kkuntatjani xi gimghat wara lejn Ottubru fejn tana u rrekordjajt €150 fi 13 t'Ottubru. Jiena dawn ghaddejthom lil*

*Kumpanija iggenerajna karta interna u tana s-Surgent €150 fit-13 t' Ottubru*'. Hwejjeg ma rkuprawx lura. Jghid li l-150 thallsu minn min seraqhom. Spjega li '*Iktar kont interessat jigifieri li somehow niehdu lura l-kalamita li ntuzat biex taqla' t-tags ghax biex insterqu dawn l-affarijiet inqalghu t-tags. U dik il-kalamita tigri barra hija hazin ghal kulhadd. U pruvajt naghmel emails lis-Surgent biex jipprova jirkupra l-kalamita biex ma tergax tigri. Imma bhala serq ahna lesti nieqfu hemm jigifieri bhala kumpanija*'.

PS 928 Ramon Mifsud Grech fis-seduta tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li fit-tlettax (13) ta' Awissu tas-sena elfejnu erbtax (2014) ghal habta tas-sitta ta' filghaxija kien gie certu Giuseppe Attard li huwa l-General Manager tal-Urban Jungle li qieghed sitwat gewwa St Winston Street, San Giljan fejn irraporta li ghal diversi granet differenti is-sales girls tieghu ta' gewwa l-hanut bdew isibu xi hwejjeg neqsin minn fuq l-ixkafef. Dan qalilhom li dak iz-zmien kellu l-cameras is-CCTVs mhux operational gewwa l-hanut u bdew jindunaw meta jaghmlu l-istock taking ghax apparentament huma jaghmlu l-istock taking kuljum. Il-General Manager immedjatament ordna li s-CCTV cameras jigu trangati biex ikunu jafu min huwa l-persuna li qieghed jisraqhom gradwalment fuq granet diferenti. Hemm waslu ghal tfajla irqiqa u qasira u xaghra iswed skond id-deskrizzjoni li tawh u t-tfajliet mill-cameras li kellhom li rawha indunaw biha meta kienet dahlet il-hanut. Hallewha tiehu l-affarijiet li kellha tiehu ghax kienu jsibu l-magnets li jorbtu mal-hwejjeg kienu qed isibuhom mal-art wara li tidhol din it-tfajla. Hallewha tiehu li kellha tiehu u wahda mis-sales girls harget warajha bil-mixi timxi warajha biex tara f'liema direzzjoni miexja. Spjega li ratha diehla go vettara li hija l-vettura ABR-163 u saqet minn San Giljan. Kellu din l-informazzjoni f'idu fejn il-vettura ABR-163 kienet tghajjat lil certu Noel Azzopardi minn San Giljan ukoll, wara daqsxejn investigazzjoni min naha taghhom rrizultalu li l-persuna koncernata li taqbel mad-deskrizzjoni li tawh s-sales girls kienet certu Daniela Spiteri. Xehed li lil Daniela Spiteri inzerta jafha ghax kienet tiffirma l-Ghassa ta' San Giljan. Kienet sussegwentement taghtu 150 ewro u ghamel arrangamenti li tatihom bil-mod. Spjega li l-417 huwa l-cost price ta' kollox jigifieri ta' diversi granet. Din il-Qorti stante li

qieghda tiskarta dak kollu li qalet l-appellanta matul l-investigazzjoni, qieghda tiskarta ukoll ir-referenza ghall-allegata rifuzjoni ta' 150 ewro.

Fir-rapport tal-Pulizija a fol 53 et sequitur u mmarkat bhala Dok RM1 datat it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) tnizzel li '*COMPLAINANT REPORTED AS GENERAL MANAGER OF URBAN JUNGLE RETAIL OUTLET WHICH IS SITUATED IN ST WINSTON STR ST JULIANS AND REPORTED THAT FOR THE PAST WEEKS THE COMPANY WAS FINDING SEVERAL ITEMS (CLOTHINGS) MISSING FROM THEIR RACKS AND EVEN FOUND SEVERAL MAGNET DEVICES ON THE FLOOR OF THE OUTLET, MR ATTARD ADDED THAT WHEN CHECKING THEIR STOCK TAKING THEY FOUND THAT THEY HAD MORE THAN 20 ITEMS MISSING IN ALL.*

*MR ATTARD STATED THAT SINCE THEY HAD THE OUTLET CCTV CAMERAS OUT OF ORDER THEY MANAGED TO ARRANGE THE SYSTEM AND KEPT AN OPEN EYE FOR THE CUSTOMER WHO WAS TAKING THE ITEMS FROM THE SHOP ON A REGULAR BASIS.*

*AFTER A WEEK OF SURVEILANCE THROUGH THE CCTV CAMERAS IT WAS NOTICED THAT A MALTESE, SLIM DARK HAIR AND SHORT WOMAN WAS OBSERVED TAKING THE ITEMS FROM THE RACK, DISEMBLING THE MAGNET DEVICE MOST PROBABLY WITH ANOTHER MAGNET AND WALK OUT OF THE SHOP.*

*TODAY THE 13/08/2014 SAME PERSON AGAIN REPAIRED AT THE SHOP WERE THE SALESGIRLS IDENTIFIED THE PERSON AND AFTER LEAVING HER TAKE THE ITEM WALKED AFTER HER AND NOTICED THAT SHE WALKED INTO A VEHICLE WHICH WAS PARKED AND SAME TOOK THE REG PLATE OF THE VEHICLE FOR EASE OF INVESTIGATION.*

*THE POLCE INVESTIGATED INTO THIS MATTER AND AFTER CHECKING VEHICLE ABR163 IT WAS ESTABLISHED THAT SAME VEHICLE PERTAINS TO A CERTAIN NOEL AZZOPARDI FROM ST JULIANS....*'

L-Ispettur Elton Taliana fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*ahna konna rcevejna rapport min-naha tal-Urban Jungle fejn dan ghandu outlet gewwa Triq Santu Wistin , San Giljan u filfatt kien is-Surgent PS 928 illi ha dan ir-rapport...*' Spjega li '*fit-tlettax (13) ta' Awwissu tal-istess sena two thousand fourteen (2014) kien hemm persuna illi kienet serqet xi oggetti minn gewwa l-istess stabbiliment tal-Urban jungle u filfatt dawn kienu raw xi filmati u dawn filfatt kienu gharfu lil din il-persuna pero' ma kinux ghadhom jafu min hi. Filfatt dina regghet kienet marret fil-hanut u wahda mis-sales girls irnexxielha tiehu r-registration number imbaghad tal-karozza taghha u filfatt gibna l-konotazzjoni kollha taghha...*'

L-appellanta fl-appell taghha tissottometti li meta x-xhud Joseph Attard xehed u gie mistoqsi jekk jaghrafx lill-appellanti bhala l-malvivent u cioe' bhala l-istess wahda li tidher fuq l-istil minnu pprezentat wiegeb '*Nahseb imma m'hiniex certi jigifieri*.' Tissottometti li anke jekk ghal grazzja tal-argument biss il-persuna li tidher fuq l-istill prezentat minn Joe Attard hija l-appellanta, fl-imsemmi still l-appellanta ma tidher taghmel xejn hazin ghajr tohrog mill-istabbiliment bhal klijenti ohra. Tissottometti li ma ngabet l-ebda prova li tipprova li l-appellanta kienet qieghda tmiss il-hwejjeg minn fuq ir-racks tal-istess hanut u li kienet qieghda zzarma l-alarms minn fuq l-imsemmija hwejjeg u tisraqhom. Dwar dan limitatament ghall-allegat serq li sar mill-hanut Urban Jungle, din il-Qorti tqis li l-appellanta ghandha ragun. Minkejja li l-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Joe Attard, jirrizulta li dan ix-xhud strah fuq dak li rraportawlu l-haddiema u li ghalkemm il-Pulizija tkellmu ma dawn il-haddiema u cioe' ma Lindsey Marie Galea u Ritianne Ciantar skont ir-rapport a fol 53 et sequitur, dawn baqghu ma tressqux bhala xhieda quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jikkonfermaw l-identita' tal-imputata u biex jixhdu dwar dak li allegatment rawha taghmel. In oltre', minkejja li skont dan ir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li mic-cctv camera dehret mara taqla l-magnet device u kienet anke thalliet titlaq bl-oggett sabiex tigi segwita u fejn in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura kien jappartjeni lil certu Noel Azzopardi, baqa ma giex prezentat il-filmat tac-CCTV rigwardanti l-allegat serq li sehh f'Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014), ghajr ghal

still prezentat minn Joe Attard fejn persuna femminili tidher mixja presumibilment il-barra mill-hanut.

Ghalhekk ma jistghax jinghad li l-ewwel (1) imputazzjoni giet pruvata sal-grad li trid il-ligi. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu t-tieni imputazzjoni dwar serq ta' hwejjeg mill-hanut Marks & Spencers f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), Jessica Bonett fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdet li hi store manager Marks and Spencer tal-Belt u dan ghal sentejn u nofs. Spjegat li kien sar rapport f'Ottubru vicin ta' meta kienu sabu xi hangers vojta fil-hanut u kienu raw s-CCTV. Kienu marru ghand il-Pulizija bil-footage bil-lista ta' affarijiet li kellhom neqsin. Il-footage '*kien fih granet differenti, sensiela ta' granet differenti bejn il-Gimgha u l-Erbgha ta' gimgha partikolari t'Ottubru fejn Daniela dehret qed titfa' affarijiet mill-hanut gol-basktijiet*'. Hija tindika l-imputata bhala Daniela. Mistoqsija x'dehret taghmel fil-camera spjegat li '*Bdiet taqbad l-affarijiet u tqeghdhom fuq il-virga fuq quddiem tal-virga*'. Dawn kienu hwejjeg tal-irgiel u anke lingerie, casual wear tal-mens wear. Spjegat li '*Bdiet taqbad l-affarijiet, tqeghdhom fuq virga fuq quddiem tal-virga, taqlalhom l-alarms u tgebbidhom u titfahom gol-basket*'. Ma ghandiex idea kif bdiet taqla l-alarms, tispjega '*Bdejt nara idejh b'dawn it-tliet iswaba qisha tmis l-alarm hekk. M'ghandiex idea imma biex bdiet taqlahom*'. Spjegat li '*bdejna nsibu l-alarms fi hwejjeg ohrajn ahna, fi bwiet ta' hwejjeg ohrajn*'. Mistoqsija kemm tikkwantifika kemm jiswew dawn il-hwejjeg spjegat li '*kien hemm giex drabi ghax imbaghad regghet giet anka fi Frar fejn prezentajna footage ukoll lill-iSpettur Caruana.*' Ta' Frar kien hemm €83 qed nitkellmu fuq cost price. Jigifieri Frar ta' din is-sena. Dwar Ottubru tas-sena l-ohra qalet li €645.97. Spjegat li s-superjuri taghha tawha l-cost price. Hija prezentat numru ta' dokumentazzjoni u korrispondenza. In kontro-ezami spjegat li hemm l-ammonti ta' Ottubru ghalihom u ta' Frar ghalihom. In-ri ezami kkonfermat li l-kopja tac-CCTV taghthom lil Pulizija.

Malicent Spiteri Gates fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li hija *full time* job sales Carmelo Caruana u li f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kienet tahdem Marks and Spencer u ghada tahdem hemm part time. Mistoqsija dwar l-incident, spjegat li '*Dakinhar kont qieghda x-xoghol fourth (4th) floor fil-Men's Wear u hemmhekk Marks and Spencer huwa miftuh jigifieri tista' tara kollox u waqt li kont xoghol kont qeghda ndur u f'hin minnhom nara lil xi hadd qed jaqla' l-alarms tal-hwejjeg u jitfaghhom go basket. Hi min kien indunat ghax harisna qisna lejn xulxin u jien infxilt u mort insib supervisor. Sakemm mort insib supervisor lehqet telqet tigri minn hafna exists li ghandna go Marks and Spencer u harget mill-wiehed, mill-exit.*' Hija gharfet din il-persuna bhala l-appellanta. Kien l-ewwel darba li kienet ratha tisraq u insterqu hwejjeg tal-irgiel casual u l-valur ma tafx kemm kien. Spjegat li mal-hwejjeg dejjem ikun hemm alarms imma l-alarms sabuhom go xi gakketta maqlughin.

WPC 217 Alison Formosa fis-seduta tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdet li '*nhar is-sebgha (7) ta' Frar ta' din is-sena eh certu Jessica Bonnett kienet irrapurtaw gewwa l-Ghassa tal-Belt li l-gurnata ta' qabel cioe' fis-sitta (6) ta' Frar ghall-habta tal-hamsa u nofs (5:30) u s-sitta (6:00) eh certu Daniela Spiteri kienet serqitilhom zewg (2) polo shirts hemm minn gewwa l-hanut Marks and Spencer. Hemm Jessica Bonnett kienet qalet ukoll li dawn insterqu billi Daniela Spiteri kienet qaghlatilhom is-sistema tal-alarm taghhom u tefghathom f'basket tal-karti. Eh dan kien gie kkonfermat hemm skont ma kienet qaltilha l-impjegata taghha Sibyel Vella meta hija ndunat b'dan meta kienet qed tara l-cameras li ghandhom gol-hanut. Eh fuq dan jien nghid ukoll li sar rapport bin-numru 1/A/472/2015...*' Dan ir-rapport datata is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) dwar incident li sehh fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) jinsab a fol 46 et sequitur u mmarkat bhala Dok AF1. F'dan ir-rapport tnizzel li '*Irraportat gewwa l-Ghassa tal-Belt, Jessica Bonnet taht ir-responsabilta' taghha bhala Manager ta' l-istabbiliment Mark's & Spencer illi l-bierah 6 ta' Frar 2015, persuna ta' sess femminili kienet serqet zewg poloshirt mit-tielet sular billi qalghat l-alarm minn fuqhom u tefathom f'basket tal-karti.*

*Il-kwerelanta stqarret illi l-imsemmija persuna hija Daniela Spiteri (ID- 22282M) illi iktar kmieni filghodu kienet ghada kemm provdiet d-dettalji taghha lil Pc355 rigward ir-rapport*

*1/A/4429/2014. Din Daniela, kif rrapurtat ukoll fir-rapport imsemmi, kemm il-darba wetqet dawn it-tip ta' serqiet mill-istabbiliment taghha.*

*Il-bierah, waqt illi wahda mill-haddiema taghha, Sibyel Vella (Supervisor) infurmata illi kienet qieghda tara lil Daniela (li kienet qieghda fil-hanut ftit tal-hin qabel) tisraq l-imsemmija flokkijiet mill-filmati ta' supervizjoni.*

*Il-kwerelanta giet infurmata sabiex tipprovdi l-filmat tal-bierah u kif ukoll stima ta' kemm jiswew il-flokkijiet.*

*Il-pulizija ghandha taghmel stharrig fuq ir-rapport tal-bierah u dak precedenti fejn l-ispettur ta' l-Ghassa P. Caruana ghandha tkellem lil Daniela fil-hin li gej.'*

Tnizzel ukoll f'dan ir-rapport li '*Nhar is-7 ta' Frar 2015 il-kwerelantaipprezentat pen drive liema pen drive giet mghodija lil Ispettur P. Caruana ghal aktar stharrig minn naha taghha.*' Tnizzel ukoll li fl-10 ta' Frar, 2015 Daniela Spiteri irrilaxxat stqarrija gewwa l-Ghassa tal-Belt fejn ghandha tigi mresqa l-Qorti b'diversi akkuzi. Din il-Qorti tinnota li l-filmat dwar l-allegata serqa tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma giex esebit fl-atti ta' din il-kawza.

L-Ispettur Priscilla Caruana Lee fis-seduta tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdet li '*fis-sbatax (17) ta' Ottubru, tas-sena l-ohra rcevejna rapport gewwa l-Ghassa tal-Belt minn Jessica Bonnett Identity Card Number 243490(M) bhala store manager tal-Marks and Spencer gewwa l-belt stess fejn infurmatna li waqt li kienu qed jaraw is-CCTV cameras indunaw lill-persuna femminili tiehu ammont ta' hwejjeg billi tnehhilhom it-tag, l-alarm jigifieri u tpoggihom fil-basket taghha. hemm sa dak iz-zmien ahna ma konniex nafu l-persuna nvoluta min kienet hemm imbagahd sussegwentement fis-sebgha (7) ta' Frar ta' din is-sena l-istess jessica bonnett regghet giet l-ghassa fejn hemm gabitilna cctv footage fejn fuq incident li sehh hemm tas-sitta (6) ta' Frar fejn insterqu diversi ammonti ta' hwejjeg mill-istess persuna femminili li kienet indikatilna f'Ottubru.*' Xehdet li '*Minn investigazzjoni li saret irrizulta li l-imsemmija persuna kienet Daniela Spiteri fejn min-naha tieghi mill-informazzjoni li kelli rrizulta li kienet tiffirma l-ghassa ta' San Giljan. Jien min-naha tieghi tajt istruzzjonijiet li kif tmur tiffirma tigi arrrestata halli, sabiex inkun nista' nohdilha stqarrija.*' Hija xehdet dwar l-istqarrija li izda kif gia gie deciz aktar kmieni

f'din is-sentenza, din l-istqarrija mhijiex ammissibli. Gie pprezentat CCTV recording li gie mghoddi minn Jessica Bonnett kif ukoll hdax (11)-il still.

PC 355 Charlot Chircop fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (215) spjega li '*fis-sbatax (17) ta' Ottubru, elfejn u hmistax (2015) irrapurtat, jiena kont qieghed orderly gewwa l-ghassa tal-Belt, gewwa l-ghassa rraportat certu Jessica Bonnett fejn stqarret illi hija store manager gewwa Marks & Spencer. Eh stqarret mieghi illi fl-ghaxra (10), fil-hdax (11), fl-erbatax (14), fil-hmistax (15) kif ukoll fl-istess gurnata cioe' fis-sbatax (17)*[27] *eh certu persuna skonoxxuta kienet qeghda tidhlilha fil-hanut u tisraqilha xi underwear tan-nisa. Liema underwear huma xi lingeries, xi bras. Hemm total bil-fomm dak il-hin qaltli li huwa ta' elf ewro (Eur 1000). Mela hemm xi ftit taz-zmien wara cioe' fis-sitta (6) ta' Frar, elfejn u hmistax (2015), fis-sitta (6) ta' Frar elfejn u hmistax (2015) certu, eh l-istess wahda Jessica Bonnett regghet irrappurtat gewwa l-ghassa tal-Belt fejn stqarret illi minn xi mod skonoxxut annonnimu hija skoprit l-indirizz ta' din il-persuna li qed tisraq dan ic-certu affarijiet. Hemm l-indirizz kien Milton, Birkirkara, Milton Birkirkara Street, San giljan jekk niftakar sew. Hemm dak il-hin is-surgent tieghi uriha ritratt li tella' mis-sistema tal-pulizija u hija qalet illi gharfitha dak il-hin il-persuna li toqghod f'dak l-indirizz*'. Spjega li kienet prezentat CCTV footage fuq pen drive. Huwa esebixxa rapport a fol 70 e sequitur immarkat bhala CC1 fejn tnizzel li '*Irrapurtat gewwa l-ghassa tal-belt illum, 17/10/2014 Bonnet Jessica detentrici tal-karta ta' l-identita 243490M, fil-posizzjoni taghha ta' store manager f' Marks and Spencer sitwat f' triq it-teatru l-antik, Valletta illi min gewwa l-imsemmi hanut qieghda tigi persuna tisraq xi hwejjeg.*

*Jessica ziedet illi mhux l-ewwel darba illi din il-persuna giet tisraq xi hwejjeg minn gewwa dan il-hanut tant illi jessica provdiet id- data kif gejjin: 10/10,14*

*11/10/2014,*

*14/10/2014*

*15/10/2014*

---

[27] Din il-Qorti abbazi tal-provi mressqa fl-atti tqis li s-serqiet li gew kommessi minn gewwa Marks & Spencers f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) sehhew fl-ghaxra (10), il-hdax (11), l-erbatax (14) u l-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) izda mhux fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kif indikat minn PC 355 Charlot Chircop fix-xhieda tieghu.

*Stqarret illi din il-persuna serqet xi ggiget, lingeries kif ukoll diversi hwejjeg ohra li l-ammont jitla sa 1000 Euro.*

*Ziedet ukoll illli din l-imsemmija persuna skonoxxuta dejjem giet fil-hinijiet ta' bejn il-17:00 u 18:30.*

*Jessica provdiet xi filmati ta' din il-persuna twettaq dawn l-imsemmijin serqiet.*

*Jessica ghanda tipprovdi stima ta' dawn l-ogetti...*' Kien hemm update fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn '*Jessica Bonnet stqarret illi min mezzi anonimi skopriet indirizz tas-suspettata u ghadditilna dan l-indirizz cioe Milton triq Birkirkara, St. Julians. Murija ritratti min fuq is-sistema tal-Pulizija Jessica gharfet lis-suspettata cioe Daniela Spiteri detentrici tal-karta ta' l-identita 22282M..*'

L-appellanta fl-appell taghha tissottometti li Malicent Spiteri Gates matul id-deposizzjoni taghha tghid li rat lill-appellanta taqla l-alarms minn fuq il-hwejjeg u titfahom fil-basket izda tikkonferma li kienet l-ewwel darba li ratha taghmel hekk u li ghalkemm taf li gew misruqa xi hwejjeg tal-irgiel, hija tikkonferma li ma tafx kemm huma tali hwejjeg u x'kien il-valur tal-istess hwejjeg. Skont l-appellanta fl-istills prezentati mill-Prosekuzzjoni b'relazzjoni ma tali imputazzjoni ghalkemm tidher l-appellanta hdejn l-ixkafef tal-hwejjeg, madankollu fl-ebda mument ma tidher qieghda taqla alarms minn mal-hwejjeg u ddahhal l-istess hwejjeg gewwa l-basket taghha. Tissottometti li hija prassi normali li klijenti gewwa hanut ta' hwejjeg jiehdu hwejjeg minn fuq xkafef, icaqalqu tali hwejjeg minn post ghal-iehor u minn dressing room ghall-ohra u li hekk tidher taghmel l-appellanta fl-istills prezentati fil-mori tal-proceduri. Tissottometti li ma ngabet ebda prova li kienet qieghda taqla l-alarms minn fuq il-hwejjeg, li kienet qieghda tmexxi l-hwejjeg minn fuq xkaffa ghal ohra bl-intenzjoni li trisraqhom u li baqghu qatt ma gew sodisfatti l-elementi kollha li jsawwru r-reat ta serq. Issotttomettiet li l-prosekuzzjoni naqset milli ssib l-oggetti misruqa u tallacjahom mal-appellanta kif kellha dmir u obbligu legali li taghmel stante li hija obbligata li tipprova l-kaz taghha lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dak li jirrigwarda s-serq li sar fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), il-Prosekuzzjoni nonostante li mix-xhieda jirrizulta li l-Prosekuzzjoni giet moghdija pen drive bil-filmat, jirrizulta li dan il-pen drive **<u>baqa qatt ma gieipprezentat</u>** fl-atti u ghalhekk ma giex ipprezentat il-filmat tas-serqa li allegatament sehhet fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Jirizulta izda li gew ipprezentati hames (5) stills li ghandhom id-data tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). L-appellanta fl-appell taghha ma hijiex tikkontesta li l-persuna f'dawk l-istills hija hi izda tikkontesta li hija kienet qieghda tisraq. Din il-Qorti tqis li f'dawn il-hames (5) stills immarkati Dok PCL3 sa Dok PCL7 ghalkemm tidher persuna feminili tmiss il-basket, thares l-isfel waqt li tmiss il-basket u jista' jaghti l-kaz li f'ritratt minnhom u cioe' DOk PCL4 bdiet idahhal xi haga fil-basket, ir-ritratt ma huwiex car u ghalhekk din il-Qorti kienet tistenna li jigi esebit il-filmat in kwistjoni. Jessica Bonnett prezentat ittra eletronika a fol 24 et sequitur datata s-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn a fol 25 tnizzel li '*At around 6:00pm yesterday, the suspect went back to our store. She was spotted in Blue Harbour again. While the sales assistant duty on this floor (Destiny) was attending to the request of other customers, she was seen by the sales assistant working one floor up (Melicent), removing alarm tags and placing them in her handbag. Melicent rushed down to Blue Harbour to let Destiny know and they tried to get hold of Sibyel (Section Manager in charge in my absence.)*

*Sibyel placed an alarm tag in her pocket, waited for her near the exist so as from the alarm to go on. Unfortunately she was a few seconds late as the suspect escaped. Sibyel phoned me to let me know about this incident and I called Valletta's Police station again.*' Jirrizulta izda li ghalkemm l-impjegata Malicent Spiteri Gates xehdet fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), hija giet mistoqsija dwar **<u>Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014)</u>** mhux dwar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Ghalhekk nonostante l-fatt li din ix-xhud tikkonferma li rat l-appellanta taqla' l-alarms tal-hwejjeg u titfaghhom go basket, l-ufficjal prosekutur staqsiha dwar fejn kienet tahdem f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u ma giex specifikat li meta rat lill-appellanta tisraq dan kien Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Ghalhekk abbazi tal-principju li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligi li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi l-filmat

rigwardanti s-serqa li saret fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2014), din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti sabet lill-appellanta hatja ta' serq li sar fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) gewwa Marks & Spencers.

Ghal dak li jirrigwardaw is-serqiet li sehhew f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u cioe' fl-ghaxra (10), hdax (11), erbatax (14) u hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanta li ma giex ippruvat li l-intenzjoni taghha kien li tisraq tali hwejjeg. Fl-atti tressqu bizzejjed provi li jikkonfermaw li l-appellanta kienet serqet numru ta' hwejjeg f'dawk il-jiem. Filfatt gie pprezentat CD a fol 64 li l-provenjenza tieghu u cioe' ic-*chain of evidence* ma giex ikkontestat fir-rikors tal-appell. Mill-filmati f'dan ic-CD jirrizulta li l-appellanta bdiet taqbad il-hwejjeg, f'xi waqtiet tidher tissara mal-hwejjeg li din il-Qorti tqis li dan huwa indikattiv li kienet qieghda tiprova taqla l-alarm u f'xi waqtiet tidher ukoll tpoggi dawn il-hwejjeg f'basket. Jirrizulta ukoll f'xi waqtet l-appellanta tiprova tahbi dak li qieghda taghmel u ghalhekk tiprova ma taghtix fil-ghajn. Dak li jidher mill-filmati allacjat max-xhieda li tressqu u cioe' Jessica Bonett li kkonfermat li kien hemm numru ta' hwejjeg li gew nieqsa mill-hanut Marks & Spencers u fejn anke instabu alarms fi hwejjeg ohra, jikkonferma li l-appellanta ikkomettiet serq mill-hanut Marks & Spencers f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Dwar ir-reat ta' serq, din il-Qorri taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Adrian Valletta'</u>**[28] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -*

*"l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio."*

*Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista' prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti*

[28] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2019 (Appell Numru: 37/2015)

*fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn* ***Carrara*** *fil-Programma Speciale vol IV para 2017- vide fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Tanti***[29].

*Il-***Carrara** *jghid: "il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

*Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:*

*1. il-contractatio tal-haga,*

*2. li tappartjeni lil terzi,*

*3. maghmula b'mod frawdolenti,*

*4. minghajr l-kunsens tad-sid, u*

*5. animo lucrandi.*

*Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss t-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist-* ***animo di farne lucro****. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid* ***Manzini*** *presupposta essenziale del furto e' la*

[29] Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 (Vol XXXII(e) IV/814 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) tas-sentenza citata)

*mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil- fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza* ***Il-Pulizija v S.Pisani*** [30]*-, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l- kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

***Carrara*** *jghid : "avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. E. Cuschieri) vs Jonathan Grech**[31]' gie kkunsidrat li:

*'L-appellant inoltre ssottometta li ma kienx hemm l- element tal-"contrectatio". Izda f' tema ta' contrectatio il- Qrati taghna jsegwu it-teorija tal-CARRARA li jkun hemm dan l-element malli l-oggett ikun ittiehed mill-post fejn ikun thalla minn sidu w konsegwentement mhux mehtieg li l- oggett ikun tnehha mill-kamra jew mid-dar tas-sid. (Ara* ***Prof. Sir A. Mamo*** *- Notes on Criminal Law, Part II, (1958 edit) pp. 292 - 294) w f' dan il-kaz dan zgur jirrizulta ghax l-oggetti misruqa kienu lahqu nhargu mill-cold room u spiccaw fil-parking area tas-supermarket. Tant li kieku lahaq gie Pawlu anki wara li l-appellant halla t-trolley hemm, l-oggetti kienu ser joghsfru w jispiccaw jingabru maz-zibel. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.*

*L-aggravju li ma kienx hemm l-element tal-lucro ukoll mhux sorrett mill-provi ghaliex ghalkemm hu veru li l- appellant ma lahaqx ikkompleta l-intenzjoni furtiva tieghu, l-element mhux li jkun hemm lucru imma li l-att furtiv isir " con animo di farne lucro" u cioe' li l-asportazzjoni issir bl- intenzjoni li dak li jkun jikseb qliegh jew vantagg "animo lucrandi" u*

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) tas-sentenza citata)

[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 2008 (Appell Kriminali Numru: 78/2008)

*mhux li dak il-qliegh jew vantagg jikkonkretizza ruhu bis-success tas-serqa.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri'**[32] gie kkunsidrat li:

*'Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem*[33] *li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta'l- Appell Kriminali*[34] *stabbilit li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever*

---

[32] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2013 (Numru 209/2011)

[33] Notes on Criminal Law Vol II pagna 269. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[34] Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]'*

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-elementi kollha tar-reat ta' serq li sehhew f'Otturbu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u ghalhekk mertu tat-tieni (2) imputazzjoni gew ippruvati sufficentement. Ma kien hemm l-ebda obbligu li l-Prosekuzzjoni effetitvament issib tali hwejjeg ghand l-appellanta *ai fini* ta' prova tas-serq. ---

It-tielet aggravju u cioe' dak bl-ittra 'C' jirrigwarda l-oggetti misruqa u l-valur taghhom. Gie sottomess li ghalkemm gew prezentati listi, tali listi jinkludu biss kodici u valur u ma jaghtux l-ebda deskrizzjoni tal-hwejjeg u/jew oggetti misruqa. Fin-nuqqas ta' gharfien ta' x'jinkludu n-numri u l-kodici inkorporati f'tali listi kif ukoll fid-dawl tal-fatt li r-rabta bejn l-affarijiet misruqa u l-appellanta baqghet qatt ma giet stabbilita, indubbjament ma jistax jinghad li dawk l-oggetti kollha rapprezentati min-numri indikati fl-imsemija listi, huma kollha hwejjeg li gew misruqa mill-appellanti. Temfasizza li fl-awla penali ma hemm l-ebda lok ghal assunzjonijiet, suppozizzjonijiet u/jew allegazzjonijiet infondati! Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal Jessica Bonett li xehdet fid-disgha u ghoxrin (29) ta'

Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) dwar l-ammonti misruq fi Frar u f'Ottubru tispjega li kienu sabu hangers vojta u tesebixxi listi ta' kodici u prezzijiet taht 'lingerie' u 'menswear'. In oltre', taghti zewg ammonti u cioe' l-cost value ta' dak misruq fi Frar u dak misruq f'Ottubru. Tenut kont tal-filmati, ma hemm l-ebda dubju li l-oggetti misruqa huma hwejjeg. L-Istore Manager Jessica Bonett telghet tixhed quddiem l-Ewwel Qorti u prezentat il-lista ta' hwejjeg b'kodici u prezzijiet, kien umbghad jinkombi fuq id-difiza li fil-kontro-ezami titlob li tinghata deskrizzjoni ta' kull oggett misruq.

Il-valur ukoll gie ppruvat sufficencement u cioe' €645.97 tas-serqiet li saru f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u €83 ewro ghas-serqa li saret fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dan skont ix-xhieda ta' Jessica Bonett. Kif gia inghad din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti dwar is-serqiet li gew kommessi f'Ottubru tas-sena elfen u erbatax (2014) izda mhux fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Ghalhekk jirrizulta li l-valur totali tas-serqiet li sehhew f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-appellanta gewwa Marks & Spencers jeccedi l-ammont ta' €232.94 izda mhux l-ammont ta' €2,329.37.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija misjuba tat-tieni imputazzjoni, limitatament ghas-serq aggravat bil-valur li sehhew fix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet imputazzjoni tirrigwarda r-recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289. L-Ispettur Geoffrey Scicluna fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) prezenta vera kopja tas-sentenza moghtja fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijeit 'Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone u Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Daniela Spiteri' fejn il-Qorti kienet poggiet lill-appellanta taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin. L-Ispettur Priscilla Caruana fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) esebiet sentenza moghtija mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn l-apellanta kienet tpoggiet taht ordni ta' probation ghal tlett snin komplessivament. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Stephen Zahra'**[35]:

*'Irid ghal darb'ohra jigi ribadit illi dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap. 446 (u qabel il-Kap. 152)* ***"ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini tkun li tkun hlief"*** *fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 446 (qabel l-artikolu 12 tal-Kap. 152) u liema cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation*[36]*.'*

Ghalhekk nonostante n-numru ta' akkuzi li mill-fedina penali jirrizulta li l-appellanta nstabet hatja, din il-Qorti abbazi tas-sentenzi esebiti, sentenzi li kienu imponew ordni ta' probation ma tistax tqis lill-appellanta bhala recediva. Ghalhekk sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti qieset lill-appellanta bhala recediva.

Ir-raba' imputazzjoni tirrigwarda ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqha skond il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011). Nonostante li din is-sentenza giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-appellanta fir-rikors tal-appell ma resqitx kontestazzjoni dwar jekk din is-sentenza hijiex res judicata. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija ta' din l-imputazzjoni.

L-appellanta fir-raba' aggravju u cioe' fl-aggravju bl-ittra 'D' taghmel sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li fil-mori tal-appell u cioe' fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-Avukat difensur tal-appellanta irtira t-talba

---

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2008 (Appell Kriminali Numru: 306/2006)

[36] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Johan Sultana**, 2 ta' Awissu 2006. (Din ir-referenza tinsab fit-tielet (3) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

sabiex din il-Qorti tigi konvertita fi Drug Court *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 536. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

Ghaldaqstant, jonqos li jigi kkunsidrat l-aggravju dwar il-piena. L-appellanta taghmel emfazi fuq l-aspett riformatitv tas-sistema gudizzjarja. Tissottometti li ghalkemm l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghal fatt li l-appellanta naqset milli tuzufruwixxi mill-opportunitajiet li nghatat fil-passat, madankollu gie rimarkat li llum l-appellanta hija konxja l-isforz il-vizzju li hakimha ghamlet zmien timxi mill-hazin ghall-aghar u li minn ftit xhur ilu l'hawn irrassenjat ruhha li kien hemm bzonn tibdel hajjitha ta' taht fuq u li tinsab lesta biex tibda' programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.  Saret anke referenza ghal motiv wara l-allegat serq u cioe' l-vizzju kien igeghla taghmel dak li ma tridx.

Fil-mori tal-appell xehed Saviour Lia fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn spjega li l-appellanta dahlet tiskonta sentenza u li l-procedura titlob li biex persuna li qed tiskonta sentenza titlob biex tgahmel program wara li tinkieteb il-kaz jitla' quddiem il-bord li jissejjah PRMB. Li d-direttivi interni huma li persuna jrid ikun skonta minimu ta' sitt xhur biex jitla' program u cioe' biex ikun elegibbli.  Spjega li hemm zewg diffikultajiet li l-Caritas qed jitolbu li jigi ccarat u cioe' li tikkometti ruhha. Jghid li hemm problema li l-kors ma tkunx spiccatu peress li tkun harget mil-habs qabel. Spjega li programm tal-Caritas mhuwiex ghal prigunieri biss.

Amanda Grech, Court representative u terrapista mal-Caritas fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehdet li parti minn xoghlhom li jaghmlu outreach jigifieri jmorru CCF u jiltaqghu mal-klijenti taghhom li juru x-xewqa li jkollhom programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Ghandhom kuntatt mal-appellanta u rawha CCF fil-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-pjan li qed joffrulha li tigi ghas-sessions regolari darba fil-gimgha u thalli *urine samples* kif tohrog min CCF. Spjegat li tidher determinata li taghmel xi haga u ghandha s-sapport tal-familja taghha wkoll.  Tghid li sa fejn jafu huma thalli urine samples CCF u qatt ma rrizultaw pozittivi.

L-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia xehdet diversi drabi fil-mori tal-appell. Din il-Qorti sejra tirreferi ghall-ahhar xhieda taghha moghtija fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn spjegat li baqghet isegwi lill-appellanta l-habs u li l-appellanta tidher li qieghda stabbli hafna, qeghda f'kuntatt mal-Caritas b'mod regolari wkoll ma Stef Grech u li hemm possibilita' ta' xoghol. Minn Jannar qieghda barra, tghid li Stef taghmel kuntatt regolari kwazi darba fil-gimgha. In kontro-ezami tghid li ilha s-snin issegwiha. Dan iz-zmien huwa l-aktar zmien stabbli li ratha. L-appellanta ila fil-kuntatt mad-diparitment mill-elfejn u erbatax (2014) u bdiet issegwiha mill-elfejn u sittax (2016). Kien hemm perjodu fejn l-appuntamenti ma kienux regolari, u kien hemm problemi biex taghti l-*urine* izda minn meta dahlet tiskonta s-sentenza, fil-habs diga rat kambjament fiha u anke meta harget ma fallitx appuntament hlief wiehed fejn kienet ma tiflahx. Tghid li qabel ma kintix certa xi trid taghmel fuq programm izda kienet tattendi ghal maggiorparti tal-appuntamenti. Tispjega li '*Ħafna għamlet progress għax biex nispjega forsi naqra aħjar fil-bidu qisu ma kienetx qisha mhux ma kienetx trid progamm, hi kienet qegħda fuq is-sedoxone u kien hemm dik l-issue biex tnaqqas bis-sedaxone u ma kientx qed jirnexxila għall-programm u hekk.*' Spjegat li llum ma thoss li hemm bzonn temfasizza fuq il-programm. Tghid li ghamlet il-programm imma ma kinitx spiccatu. Tghid li jekk tkun qed tahdem, timla l-gurnata, zzomm kuntatt mal-Caritas thoss li ma ghandhiex ghalfejn taghmel programm residenzjali. Spjegat li qabel ma nqalghet tal-'Covid' kienet taghti urines regolari li kienu clean, falliet wiehed ghax kienet ma tiflahx u gabet certifikat. Tispjega li l-appellanta kellha problema tal-erojina. L-ahhar test kien fil-bidu ta' Marzu u kellha appuntament fit-tmintax (18) ta' Marzu li thassar minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid. Kienet tiehu test qisu kull gimghatejn u fl-erbgha (4) ta' Marzu kien negativ, hadet ukoll fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, fl-erbgha (4) ta' Frar u fis-sbatax (17) ta' Frar. Jigifieri hadet erba' (4) testijiet li kienu *negative*. L-ahhar laqgha kienet fl-erbgha (4) ta' Marzu umbghad zammet kuntatt telefoniku.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li minkejja li skont il-fedina penali jirrizulta li l-appellanta kkommettiet numru ta' reati inkluz ta' serq tant li mill-fedina penali aggornata jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri u senjatament fit-tmienja (8) ta' Settembru

tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellanta ikkommetiet serqa ohra, izda in vista tal-fatt li jirrizulta li l-appellanta ghamlet progress sinifikanti u dan skont l-ahhar xhieda tal-Ufficjal tal-probation Joanna Farrugia, tqis li l-appellanta ghandha tinghata l-ahhar cans u dan sabiex tkompli tirrabilita ruhha bl-ghajnuna ta' professjonisti. Ghal dan il-ghan sejra tirrevoka l-piena imposta mill-Ewwel Qorti u minflokk sejra tpoggi lill-appellanta taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni imputazzjoni limitatament ghas-serq aggravat bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbiz elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li sehh f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), tirrevoka fejn instabet hatja tas-serq li allegatament sehh fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Din il-Qorti ikkonferma il-htija tar-raba' (4) imputazzjoni izda tirrevoka fejn sabet htija tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet. Din il-Qorti qieghda tirrevoka l-piena inflitta u minflokk *ai termini* tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-appellanta taht ordni ta' probation ghal tlett (3) snin mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Il-Pulizija
Spettur Priscilla Caruana

Vs

Daniela Spiteri

Illum 2 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Daniela Spiteri** instabet hatja ta' uhud mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation, giet mpoggija taht Ordni ta' Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, tkun tista tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja weriet li trid thares il-

kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hatja Daniela Spiteri, detentrici tal-karta tal-identita' numru 22282M tkun ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilha.

2. L-Ufficcjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, tircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hatja ghandha toqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hatja biex ma tergax tirrepeti r-reat jew tikkommetti reati ohra, inkluz li tircievi kull ghajnuna biex ma tergax taqa' fil-vizju ta' droga u li tkompli tirrijabilita' ruhha.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

......................................... (firma tal-persuna mqeghda taht probation)

......................................... (numru tat-telphone)